MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 1117/2001/1

**Emanuela Attard, illum Vella.**

**-vs-**

**Joseph Attard.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-20 ta’ Ġunju, 2001 li permezz tagħha l-attriċi esponiet bir-rispett:

Illi permezz ta’ sentenza fl-ismijiet Emanuela Attard vs Joseph Attard (Ċitaz. Nru: 305/89FD) ġiet xjolta u likwidata l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-konjuġi Attard. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta l-Appell fis-6 ta’ Ottubru, 2000;

Illi permezz ta’ dawn is-sentenzi l-Qorti ordnat li jiġu assenjati lill-attriċi, fost immobbli oħra, porzjon ta’ l-art magħrufa bħala tas-Summara sive ta’ Skrejda, Mellieħa, l-art tal-Ħofra, Mellieħa, l-art il-Ħawwiexa Selmun, limiti Mellieħa, l-art ta’ bejn il-Ġonnam Mellieħa, fuq ir-raba’ magħrufa bħala ċ-ċens ta’ Gerbulin, u r-razzett u l-art magħrufa bħala Ġnien Ingraw, Mellieħa;

Illi permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo’ li ġie ppubblikat fit-12 ta’ Diċembru, 2000, l-art meritu tal-kawża odjerna ġiet assenjata u rilaxxata minn Joseph Attard lil martu Emanuela Attard illum Vella (Dok. EA1);

Illi l-konvenut huwa iben l-attriċi;

Illi permezz ta’ att ġudizzjarju datat 7 ta’ Settembru, 2000 (Dok. EA2), il-konvenut ippretenda li huwa għandu titolu fuq ir-raba’ li ġiet assenjata lill-attriċi permezz tas-sentenzi fuq imsemmija;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet hawn fuq espressi:-

1. Tiffissa żmien qasir u perentorju lill-konvenut biex iġib ‘il quddiem b’kawża l-pretensjoni li għandu fuq l-art magħrufa bħala tas-Summara sive ta’ Skrejda, Mellieħa, l-art tal-Ħofra, Mellieħa, l-art il-Ħawwiexa Selmun, limiti Mellieħa, l-art ta’ bejn il-Ġonna, Mellieħa, fuq ir-raba’ magħrufa bħala ċ-Ċens ta’ Gerbulin, u r-razzett u l-art magħrufa bħala Ġnien Ingraw, Mellieħa.

2. Timpedixxi lill-konvenut milli jaġixxi qatt iżjed għal din il-pretensjoni f’każ li huwa jonqos milli jġib il-quddiem il-kawża fit-terminu stabbilit minn din il-Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fit-28 ta’ Jannar, 2002 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi qabel xejn iċ-ċitazzjoni saret f’ismijiet ħżiena peress illi l-konvenut huwa miżżewweġ u dan tafu ben tajjeb l-attriċi għaliex tiġi omm il-konvenut.

2. Illi l-attriċi għad m’għandha xejn b’titolu ta’ proprjeta’ għaliex il-kawżi li semmiet għadhom m’humiex finali peress li għad hemm kawża kostituzzjonali fl-ismijiet Joseph Attard vs Reġistratur tal-Qrati (8/01RCP) li tista’ taffettwa l-kawżi diġa deċiżi. Għalhekk din il-kawża hija intempestiva.

3. Illi din il-kawża m’għandhiex tinstema’ qabel tiġi deċiża l-kawża kostituzzjonali ‘il fuq imsemmija.

4. Illi mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal fl-eċċezzjonijiet ta’ qabel, din il-kawża hija waħda ta’ jattanza u kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna, din hija azzjoni li tispetta lill-possessur ta’ l-oġġett li fuqu ssir il-pretensjoni. L-attriċi m’hijiex il-pussessur ta’ l-artijiet in kwistjoni għaliex dawn ilhom fil-pussess u mikrija lill-konvenuta numru kbir ta’ snin u dan bil-kunsens ta’ l-istess attriċi. Il-konvenut huwa l-pussessur ta’ l-artijiet in kwistjoni u għalhekk l-attriċi ma setgħetx tagħmel din il-kawża.

5. Illi jekk verament l-attriċi temmen li għandha titolu ta’ proprjeta’ fuq l-art in kwistjoni setgħet għamlet kawża għall-isgumbrament u mhux tinqeda bil-kawża tal-jattanza meta taf ben tajjeb li l-konvenut huwa pussessur ta’ l-art in kwistjoni. Il-konvenut huwa l-pussessur b’titolu ta’ qbiela kif permess mill-attriċi stess u għalhekk m’għandux il-ħtieġa li jipprova t-titolu tiegħu.

6. Illi għar-raġunijiet premessi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontriha.

7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi bil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' April, 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kjarament din hija azzjoni ta' millantazzjoni fejn l-attrici qed titlob li jigi ffissat zmien lill-konvenut biex jipproponu l-azzjoni tieghu entro' z-zmien imsemmi mil-ligi u fin-nuqqas jigu kkundannati ghall-perpetwu silenzju.

Jidher li l-fatti li taw lok ghall-kawza kienu dawn. L-attrici sseparat minn ma zewgha u b'rizultat ta' dan hija akkwistat xi artijiet. Jidher ukoll li l-art imsemmija ghaddiet ghal fuqha u l-konvenut li huwa binha kien qed jokkupaha ghax kien imur ma' missieru jahdimha. Meta saret id-divizjoni b'effett tas-separazzjoni l-attrici riedet tiehu l-art u l-konvenut irrifjuta li jaghmel dan. Ghalhekk l-attrici baghtet ittra ufficjali fit-13 ta' April, 2000 lill-konvenut fejn talbitu jivvakaha billi allura kien qed jokkupaha minghajr titolu. Il-konvenut irrisponda b'ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru, 2000 u allura l-attrici pprocediet b'din il-kawza.

Din il-Qorti kif preseduta kellha okkazzjoni telenka l-elementi rikjesti biex azzjoni simili tirnexxi fil-kawza fl-ismijiet <u>Zammit vs Gatt</u> deciza fis-7 ta' Jannar, 2005.

Dawn huma;

a. L-attur irid ikollu pussses, almenu *de facto* u *prima facie* tal-oggett li jkun qed jikkawtela (Vol XX-II-338)

b. Il-konvenut ikun bil-miktub ressaq pretensjoni fuq l-oggett (Vol XXXII-II-287 u XLII-II-1146.
c. Il-pretensjoni trid tkun spontanea u mhux provokata bl-agir tal-attur – Vol XXIV-II-358 u XXXI-I-494 u Madliena Developments Limited vs Ufficju Kongunt (Prim'Awla - 6 ta' Frar, 2004).
d. Il-pretensjoni trid ikollha l-karattru li tista' tigi esercitata b'azzjoni gudizzjara (Vol-XXXIII-II-287).
e. Il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat (l-istess kawza indikata f'd.)
f. Il-pretensjoni ma ghandhiex tkun kondizzjonata jew tiddependi minn fatt li jista jigri u ma jigrix (Vol- XVI-II-85 u XXI-I-6).

Dawn il-kondizzjonijiet jew rekwisiti gew precedentement elenkati fil-kawza Tabone vs Galea (Prim'Awla - 11 ta' Dicembru. 2003).

**L-ewwel element** hu tal-pussess da parti tal-attur. Dan hu importanti hafna ghaliex jekk ma jirrizultax, jonqos il-mens legis ta' din l-azzjoni. Dan l-element jidher li kien ghallinqas meta bdiet il-kawza, nieqes ghaliex l-attrici fl-ittra ufficjali msemmija talbet lill-konvenut biex jivvaka l-art in kwistjoni u allura l-pussessur kien il-konvenut. Jirrizulta li hemm kawza ohra li qed timxi ma' dik odjerna fejn il-konvenut qed jitlob li jigi reintegrat minhabba li skond hu, sar spoll da parti ta' hutu u l-konvenuta fir-rigward tieghu fuq l-art in kwistjoni izda fil-fehma tal-Qorti biex l-azzjoni ta' millantazzjoni tirnexxi l-pussess ghandu jkun f'idejn l-attur meta tigi istitwita l-kawza. Dan ghaliex l-interess guridiku irid ikun presenti f'dak il-mument. L-allegat spoll sar f'April 2001. Huwa ghalhekk car li l-azzjoni attrici hija monka f'dan is-sens izda il-Qorti se tghaddi biex tkompli tesamina rekwisiti l-ohra xorta wahda.

**It-tieni element** u cioe' li l-pretensjoni tal-konvenut tkun saret bil-miktub jirrizulta bil-presentata tal-att gudizzjarju msemmi.

**It-tielet element** gieli jigi traskurat izda huwa importanti. Fuq skorta konsistenti ta' gurisprudenza – ara l-kawza Madliena Developments Limited vs Ufficju Kongunt fuq imsemmija – meta l-attur ikun ipprovoka l-kwistjoni hu stess ma jistax jipprevalixxi ruhu minn din l-azzjoni. Kif gie ritenut ukoll fil-kawza deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru, 1999 (Buhagiar vs Busuttil);

*Meta l-attur mexxa jew gieb il-quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u dan biex jillibera ruhu minn dik il-pretensjoni, igib raguni ghaliex qed jirrespingi dik il-pretensjoni allura d-dikjarazzjoni ma tkunx izjed wahda spontanja imma tassumi kwalita' ta' dikjarazzjoni ta' dritt provokata. Il-konvenut f'kazijiet bhal ta' l-ahhar ikun qed jesercita d-drittijiet tieghu.*

Dan gie spjegat ukoll fil-kawza fl-ismijiet Vella vs Micallef deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru, 1958 fejn intqal;

*Biex ikun hemm lok ghall-gudizzju ta' jattanza jehtieg li l-allegazzjoni tkun spontanja u mhux provokata, b'mod li jekk l-allegazzjoni issir ghall-konservazzjoni jew ghad-difiza ta' drittijiet minn persuna anke merament interpellata b'att gudizzjarju, ma tikkostitwixxix jattanza u ma taghtix lok ghar-rimedju eccezzjonali ta' jattanza.*

F'dan ir-rigward jidher li l-iskambju ta' ittri inbeda mill-attrici ghaliex l-att indikat mill-attrici fic-citazzjoni taghha kien wiehed responsiv u ghalhekk dan ir-rekwizit jirrizulta ukoll fil-fehma tal-Qorti ukoll mankanti fil-fehma tal-Qorti.

L-ahhar tliet rekwiziti jirrizultaw billi l-konvenuti jistghu jipproponu l-azzjoni gudizzjarja li jkollha skop specifiku u minghajr ebda kondizzjoni. Madankollu billi jonqsu zewg elementi importanti l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra taghha.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------